# S 5.3 MILL-GĦERIEN GĦALL-ISKYSCRAPERS



**S5.3.1**
Nirriċerkaw dwar il-progress li sar fid-djar matul iż-żminijiet u nifhmu li d-djar m'humiex kollha l-istess madwar id-dinja.

## A. Aqra dan li ġej.



M'hemmx dubju li l-eqdem forma ta' kenn illi kellu l-bniedem kienu l-għerien naturali fil-blat. L-għar joffri kenn mix-xemx, mix-xita u mir-riħ. Bosta drabi, il-bniedem kien iżomm l-annimali fil-għar miegħu. L-annimali kienu jagħtuh il-laħam, il-ħalib u anke s-suf biex ikun jista' jisħon fil-jiem tax-xitwa.

Fl-ewwel stampa jidher Għar Dalam. Nistgħu nżuru Għar Dalam jekk immorru fir-raħal ta' Birżebbuġa. Meta l-arkeoloġi għamlu skavi f'Għar Dalam, minbarra l-fossili ta' bosta annimali, sabu wkoll bosta fdalijiet li juru li l-ewwel nies Neolitiċi li ġew Malta minn Sqallija, kienu jgħixu f'għerien naturali bħal Għar Dalam.



Wieħed ma jridx jaħseb illi l-għerien li nsibu mxerrdin mal-kampanja Maltija kienu jintużaw fi Żmien il-Preistorja biss. L-għerien li jidhru fir-ritratt jinsabu fil-Fawwara qrib ir-raħal tas-Siġġiewi. Sa ftit taż-żmien ilu, bosta

bdiewa kienu għadhom joqogħdu f'dawn l-għerien tal-Fawwara, irabbu n-nagħaġ u jaħdmu l-għelieqi tal-viċin.



Imma jekk trid tara għerien tassew kbar, morru sal-Għar il-Kbir li jinsab mhux 'il bogħod minn Dingli Cliffs u l-Buskett. F'dawn l-għerien sas-sena 1800 kienu għadhom jgħixu numru żgħir ħafna ta' familji flimkien mal-annimali li kienu jrabbu. Kienu l-Ingliżi li ġegħluhom bilfors jitilqu minn dawn l-għerien u jmorru jgħixu fl-irħula tal-viċin, jiġifieri Ħad-Dingli u s-Siġġiewi.



Però nistgħu ngħidu illi l-bniedem minn dejjem kien ifittex li jagħmel progress fil-postijiet ta' kenn illu kellu biex jgħix fihom. Hekk insibu illi anke fil-Preistorja, ġewwa Skorba qrib l-Imġarr Malta, in-Neolitiċi bnew l-għerejjex tagħhom miz-zkuk u mit-tajn.



Iż-żewġ ritratti tal-aħħar juruna kif x'aktarx kienu jidhru dawn l-għerejjex u kif jidher is-sit preistoriku ta' Skorba llum il-ġurnata.

Jekk illum ngħixu fi djar komdi ħafna, tajjeb niftakru illi missirijietna mhux minn dejjem kellhom djar komdi fejn jistkennu mix-xemx, mix-xita u mir-riħ.

**B. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

1. Semmi għar naturali fejn il-Maltin ġie li għexu fil-passat.

___________________________________________

___________________________________________

2. X'kienu jżommu magħhom fl-għerien?

___________________________________________

___________________________________________

3. Taħseb li dan huwa tajjeb għas-saħħa? Għaliex?

___________________________________________

___________________________________________

4. Semmi vantaġġ li jista' jkollok meta tkun tgħix ġo għar naturali.

___________________________________________

___________________________________________

5. Semmi żvantaġġ li jista' jkollok meta tkun tgħix f'għar naturali.

___________________________________________

___________________________________________

6. Semmi kumdità li għandna llum fid-djar tagħna, illi dawk li kienu jgħixu fl-għerien ma kellhomx.

___________________________________________

___________________________________________

7. Fejn sibna fdalijiet ta' għerejjex ta' Żmien in-Neolitiċi f'Malta?

___________________________________________

___________________________________________

8. Minn xiex kienu mibnija dawn l-ewwel djar?

9. Semmi ħaġa waħda li turi li fejn jidħlu l-postijiet tal-kenn, il-bniedem għamel progress kbir.

**Ċ. Wieġeb bil-għajnuna tar-ritratti.**



1. Ħares lejn l-ewwel ritratt. Taħseb li dan ir-ritratt meħud Malta jew barra minn Malta? Għaliex?
   a) Malta / barra minn Malta
   b) Għaliex taħseb hekk?



2. Dan ir-ritratt ġie meħud f'Malta. Minn xiex inhuma mibnija d-djar li qed tara fir-ritratt?

3. Minn liema materjal huma maħduma l-bibien u t-twieqi?

_______________________________________________

4. X'hemm fil-kantuniera biex tiżżejjen it-triq?

_______________________________________________

5. Taħseb li dar-ritratt ġie meħud f'raħal jew f'xi belt? Kif nistgħu nindunaw?

   a) raħal / belt

   b) kif nistgħu nindunaw?

   _______________________________________________

   _______________________________________________

**D. Wieġeb billi dejjem tikteb dawn it-tliet kelmiet:**

| | | |
|---|---|---|
| **villa** | **għar** | **razzett** |

1. Ikteb it-tliet postijiet skont il-kumditá li ssib fihom:



   a) l-iktar komdu: ____________________

   b) inqas komdu: ____________________

   ċ) l-inqas post komdu: ____________________

2. Ikteb it-tliet postijiet skont iż-żmien li ilu li kien jintuża:



   a) l-iktar antik: ____________________

   b) inqas antik: ____________________

   ċ) l-inqas post modern: ____________________

3. Ikteb it-tliet postijiet skont kemm iqumu flus

a) l-iktar għali: ______________________________

b) inqas għali: ______________________________

ċ) l-inqas post irħis: ______________________________



## E. Uża l-kompjuter biex tagħmel riċerka u titgħallem iktar:



a) Agħmel tour virtwali tal-Għar il-Kbir

http://www.maltain360.com/#110001632

b) Aqra iktar dwar l-Għar il-Kbir:

http://schoolnet.gov.mt/history/wirt/medjuevu/GharKbir/GharKbirBuhagiar.htm

ċ) Ikteb kapxin żgħir fuq dak li rajt u qrajt fir-riċerka tiegħek.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________